**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 27 ta' Ottubru, 2016**

**Mandat Nru: 1384/2016/1 AF**

**Faustino Pulis**

**vs**

**Marco Camilleri u**

**Lydia Camilleri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Faustino Pulis, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti zzomm lill-intimat jew il-persuni mqabbda minnhom milli jkomplu jibnu l-hajt ta-sejjieh li qed fuq l-art tal-esponenti mittenti tul l-ghalqa kollha tieghu fi Triq il-Blajjiet, f'Wied il-Ghajn liema hajt qieghed jinbena aktar minn sebghin (70) centimetru gol-proprjetà tal-esponenti.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta ta' Marco Camilleri.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri.

Rat ir-rapport tal-perit Alan Saliba minnha inkarigat.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

> *"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *(2) Il-qorti m'ghandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

L-insenjament ta' dawn il-Qrati fir-rigward huwa kostanti fis-sens:

> *"Illi bil-ligi, jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' Mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent. It-tieni haga hi li r-rikorrent jidher li ghandu, mad-daqqa t'ghajn (prima facie) dawk il-jeddijiet. Minn kliem il-ligi nfisha, iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak. Siewi wkoll li wiehed izomm quddiem ghajnejh li l-procedura li hija mahsuba biex titqies talba bhal din hija wahda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd."* – (Mugliett vs Bonnici – 25 ta' Jannar 2005)

Ir-rikorrenti f'dawn il-proceduri jikkontendu illi l-intimati qed jibnu hajt tas-sejjieh "aktar minn sebghin (70) centimetru gol-proprjetà tal-esponenti". Madanakollu, il-kostatazzjonijiet tal-Perit Alan Saliba jindikaw illi ghalkemm il-wisa' tal-hajt tidher li naqset, ma tirrizulta li sehhet ebda invazjoni ghal fuq il-

proprjetà tar-rikorrenti. Indipendentement minn kull konsiderazzjoni dwar il-linja medjana bejn il-proprjetajiet, din il-Qorti hija essenzjalment kostretta bit-talba kif dedotta fir-rikors. It-talba tippresupponi invazjoni, liema invazjoni ma sehhitx.

Finalment il-Qorti tqis wkoll il-kostatazzjoni tal-perit li, galadarba tigi deciza l-linja medjana, hemm rimedji x'jistghu jsiru.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tas-26 ta' Settembru 2016, tichad it-talba.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF